MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 68/1997/1

**Edwin u Josephine konjugi Zammit**

**vs**

**Is-socjeta` Group 9 Limited u b'digriet ta' l-24 ta' Gunju, 1998 gie kjamat in kawza Raymond Mifsud.**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Fit-13 ta' Jannar 1997 Edwin u Josephine konjugi Zammit, cioe` l-atturi, intavolaw citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kontra s-socjeta` *Group 9 Limited*, liema citazzjoni taqra hekk:
"Premess illi l-attur hu ricevitur tal-Lottu Pubbliku u ghandu n-numru ta' registrazzjoni sebgha u tletin (37) mad-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku;

Premess illi l-attur kien jiggestixxi x-xoghol tieghu minn Banka tal-lottu li kienet tinsab f'numru 219, Immaculate Conception Street, Msida;

Premess illi din il-banka tal-lottu giet demolita mis-socjeta` konvenuta u kellha tinbena mill-gdid, pero` dan ghadu ma sarx u l-attur qieghed jiggestixxi x-xoghol tieghu minn Mobile Kiosk b'telf finanzjarju u skomdu kbir ghalih, Dok 'A';

Premess illi s-socjeta` konvenuta bi skrittura ddatata t-tnax (12) ta' Ottubru 1995 intrabtet li tipprovdi Banka tal-Lottu gdida u attrezzata minn kollox lill-attur minflok dik demolita fi zmien seba' (7) xhur li bdew jiddekorru mit-Tnejn, tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru 1995, u fin-nuqqas li dan il-ftehim jigi onorat, is-socjeta` konvenuta tkun obbligata thallas penali ta' wiehed u ghoxrin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm21.43) kuljum, Dok 'B';

Premess illi l-Banka tal-Lottu kellha tkun lesta fit-22 ta' Mejju 1996, gheluq is-seba' (7) xhur miftiehma bejn il-partijiet, liema perijodu beda jiddekorri mit-23 ta' Ottubru 1995;

Premess illi mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju 1996 sas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 1996 ghaddew mija u disgha u tmenin (189) gurnata u minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi biex tonora l-obbligazzjonijiet minnha assunti billi taghti lill-attur il-Banka tal-Lottu gdida u attrezzata, izda baqghet inadempjenti;

Premess illi l-penali dovuti lill-attur mis-socjeta` konvenuta jammontaw ghal erbat elef u hamsin lira sebgha u ghoxrin centezmu (Lm4050.27,0) sas-27 ta' Novembru 1996;

Premess illi d-dejn dovut mid-debitrici lill-atturi hu wiehed cert, likwidu u li ghalaq;

Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna li s-smigh tal-kawza jsir sommarjament peress illi hemm ir-rekwiziti kollha mehtiega biex il-kawza tinstama' sommarjament ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, (Kap 12), billi s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba attrici;

2. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta debitrici ta' l-atturi fis-somma ta' erbat elef u hamsin lira sebgha u ghoxrin centezmu (Lm4050.27,0) kif stipulat fl-iskrittura tat-12 ta' Ottubru 1995 bejn il-partijiet, Dok 'B';

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont fuq imsemmi lill-atturi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-wiehed u tletin (31) ta' Lulju 1996, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi flimkien ma' l-imghax relattiv sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa tinsab ingunta ghas-subizzjoni."

2. Fis-seduta tat-3 ta' Frar, 1997 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lis-socjeta` konvenuta li tikkontesta l-kawza. Effetivament din is-socjeta` intavolat nota ta' eccezzjonijiet li biha ecepiet:
"Illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ftehim *de quo* huwa null kif ser jinghad hawn taht.

Illi l-kuntratt gie ffirmat minn direttur wiehed biss tas-socjeta` minghajr awtorizazzjoni tal-Bord ta' Diretturi u

dan mhux skond l-Art. 3 ta' l-Articles of Association (ezibiti)

Illi, minghajr pregudizzju ghal dan ta' hawn fuq, anke jekk l-azzjonijiet tal-persuna li ffirma l-kuntratt jigu meqjusa li jorbtu lill-konvenuti, il-kuntratt xorta huwa vvizzjat stante illi l-kunsens tal-konvenuti – dejjem jekk jigi meqjus li kien hemm kunsens – inghata fl-isfond tal-fatt illi fl-agir taghhom l-atturi kienu qeghdin jissikkaw lill-konvenuti biex jiffirmaw b'tali mod illi l-Art. 982 u 987 tal-Kodici Civili jidhlu f'effett biex jannullaw il-kuntratt, kif jigi ppruvat waqt is-smiegh.

Illi saru xi hlasijiet indebiti lill-atturi u ghaldaqstant qeghda tigi ntavolata presenzjalment kontro-talba ghar-rifuzjoni ai termini ta' l-Art 991 tal-Kodici Civili.

Salv kull eccezzjoni ohra spettanti lill-konvenuti."

3. Is-socjeta` konvenuta *inoltre*, ipprezentat kontro-talba li taqra hekk:
"Premess illi l-atturi rikonvenuti rcevew hlas indebitu ta' Lm2,300 (elfejn u tlett mitt lira) minghand is-socjeta` Group 9 Limited liema hlas ma kienx dovut stante illi l-kuntratt li permezz tieghu l-istess atturi rikonvenuti ppretendew u accettaw il-hlas huwa null kif eccepit mill-konvenuti

Premess illi ghalhekk il-hlas kien indebitu u jidhlu fl-effett il-provvedimenti ta' l-Art 991 tal-Kodici Civili

Jghidu l-atturi rikonvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. tiddikjara illi l-kuntratt *de quo* huwa null u bla effett
2. tikkundanna lill-atturi rikonvenuti sabiex jirrifondu l-ammont ta' Lm2,300 (elfejn u tlett mitt lira) imhallas indebitament lis-socjeta` (sic!) Group 9 Limited

Bl-imghax u spejjez kontra l-atturi rikonvenuti mharrkin ghas-subizzjoni."

4. Ma jirrizultax li l-atturi gew debitament notifikati b'din il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta. Minkejja dan il-fatt, pero`, il-kawza hadet il-kors normali taghha. Dana l-fatt x'aktarx jispjega ghaliex l-atturi baqghu qatt ma pprezentaw nota ta' eccezzjonijiet ghall-istess kontro-talba tas-socjeta` konvenuta.

5. Fil-31 ta' Jannar, 2000 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ippronunzjat is-sentenza taghha. Biha dik il-Qorti, wara li cahdet l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, laqghet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenuti. Dik il-Qorti cahdet ukoll it-talba attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Raymond Mifsud *stante* li irrizulta li l-kumpanija kienet responsabli u ordnat li l-ispejjez relattivi kellhom jithallsu mill-istess kjamat in kawza *stante* li fic-cirkostanzi l-atturi kellhom necessarjament idahhluh fil-kawza. L-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li *inter alia*, ikkonsidrat hekk:
"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li, kuntrarjament ghal dak li xehed Joseph Mifsud, is-socjeta` Group 9 Ltd u anke Joseph Mifsud stess kienu jafu bl-obbligazzjoni li kienet assumiet is-socjeta` minnu rappresentata fil-konfront ta' l-attur. (Ara ittri minn fol. 83 sa 88). Kienu jafu li kien hemm penali jekk ma jlestux fiz-zmien stipulat.

Inoltre kif xehed Dominic Attard, ghad-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku, Mifsud dejjem kienu jittrattaw mad-dipartiment ghan-nom tas-socjeta` konvenuta u kienu juzaw letterheads tas-socjeta` konvenuta.

Dwar il-kwistjoni li Raymond Mifsud allegatament ma kienx awtorizzat jirrapprezenta l-kumpanija, l-Qorti tirrileva li fuq dana l-punt hemm biss ix-xhieda ta' Joseph Mifsud li ma giet korroborata minn hadd. Skond Gower's Principles of Modern Company Law $6^{th}$ Ed. Page 224: "where the person through whom the third party dealt, occupies a position in the company such that it would be usual for an occupant of that postition to have authority to bind the company in relation to the transaction concerned, the company will be bound. The third party dealing with the company in good faith will be entitled to assume that

that person has authority unless he knows the contrary or knows of facts which would have put a reasonable person on inquiry”.

Fil-kaz in ezami Raymond Mifsud hu wiehed mid-diretturi (ara nota ta’ eccezzjonijiet fol. 21 u xhieda ta’ Joseph Mifsud) u bhal tali jokkupa posizzjoni li tawtorizzah li jorbot il-kumpanija. Inoltre ma giex ippruvat mill-konvenuti li l-attur kien in mala fede u li kien a konoxxenza li Raymond Mifsud ma setghax jorbot lill-kumpanija.

Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

Dwar l-ewwel eccezzjoni, u l-kontro-talba tal-konvenuti l-Qorti tirrileva li l-konvenuti ma gabu ebda prova li l-kuntratt hu null jew vizzjat ghax il-kunsens taghhom ittiehed illegalment.

PENALI

Illi jirrizulta mill-provi prodotti mill-atturi li l-banka tal-lotto ghada mhiex lesta ghalkemm kellha titlesta sat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju 1996. L-atturi qed jitolbu penali mit-tnejn u ghoxrin ta’ Mejju, 1996 (22/5/96) sas-sebgha w ghoxrin ta’ Novembru, 1996 (27/11/96) cioe` mija u disgha u tmenin (189) gurnata bil-Lm21.43 kuljum skond il-kuntratt a fol 7. B’kollox Lm4,050.27. Dan l-ammont hu dovut.”

**<u>II. L-APPELL</u>**

6. Fit-8 ta’ Frar, 2000 is-socjeta` konvenuta *Group 9 Limited* intavolat appell minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti. Wara li spjegat f’hiex kienu jikkonsistu l-aggravji taghha, is-socjeta` appellanti talbet li dina il-Qorti joghgobha tiddeciedi:
“.... billi tvarja s-sentenza ta’ l-ewwel Onor. Qorti b’dan illi l-eccezzjonijiet ta’ l-istess socjeta` appellanti in kwantu gew respinti mill-ewwel Onor. Qorti jigu akkordati biex b’hekk it-talbiet ta’ l-atturi jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom u abbazi tal-kontumacja ta’ l-atturi ghall-kontro-talba jigu kkundannati jirrifondu kull ammont pretiz mill-

konvenuti appellanti u dan skond it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti.”

7. L-appellati Edwin u Josephine konjugi Zammit irrispondew li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbu li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

8. L-atturi qeghdin jippretendu li l-Qorti tikkanonizazzhom kredituri tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta’ erba’ t-elef u hamsin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm4050.27c) pretiza minnhom bhala penali skond l-iskrittura tat-12 ta’ Ottubru, 1995, esebita bhala Dok ‘B’ a fol. 7 tal-process. Is-socjeta` konvenuta ikkontestat il-kawza billi ecepiet li l-ftehim li jemergi minn dik l-iskrittura kien null ghaliex il-kuntratt gie iffirmat minn direttur wiehed biss tas-socjeta` konvenuta u dan minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Bord tad-Diretturi. Eccepew ukoll li l-kuntratt li jemergi mill-imsemmija skrittura tat-12 ta’ Ottubru, 1995 kien vizzjat ghal ragunijiet li spjegaw. Billi s-socjeta` konvenuta kienet hallset is-somma ta’ elfejn u tlett mitt lira (Lm2300) fuq il-kuntratt imsemmi hija talbet, permezz ta’ kontro-talba, li din is-somma tigi rifuza lilha billi allegat li l-istess somma thallset lill-atturi indebitament. L-atturi ma pprezentaw ebda nota ta’ eccezzjonijiet fil-konfront ta’ din il-kontro-talba, u dan peress illi huma qatt ma gew notifikati debitament bl-istess kontro-talba.

9. L-ewwel Qorti ma laqghetx is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta li Raymond Mifsud, direttur tas-socjeta` konvenuta li ffirma l-iskrittura tat-12 ta’ Ottubru 1995, ma kienx awtorizzat jirrapprezenta u jobbliga l-istess socjeta` konvenuta. L-appellanti qeghdin jikkontestaw din il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti. Testwalment qeghdin jissottomettu hekk:
“Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzjoni illi l-esponenti ma kienux marbutin bil-kuntratt de quo kif ser jinghad hawn taht.

Illi l-istess kuntratt kien gie ffirmat f'Ottubru 1995 meta socjetajiet kummercjali (limited liability companies) kienu regolati bl-Ordinanza ta' l-1962 dwar Socjetajiet Kummercjali. L-Art. 220 (2) (sic) ta' l-istess Ordinanza tipprovdi illi sa kemm ma jkunx hemm provdut mod iehor, zewg diretturi jirraprezentaw il-kumpanija in kwistjoni.

Illi gie muri lill-ewwel Qorti illi l-Memorandum & Articles of Association ta' l-esponenti ma kellu ebda tibdil mis-sitwazzjoni indikata hawn fuq, cioe` illi zewg diretturi kellhom jirraprezentaw il-kumpanija u gie muri wkoll illi direttur wiehed kien iffirma l-kuntratt de quo liema kuntratt ma kienx gie ratifikat mill-esponenti.

Illi ghalhekk il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti, illi l-esponenti kienu jafu bil-kuntratt ma hijiex rilevanti sa kemm ma giex muri illi l-istess esponenti xi darba wara l-iffirmar tal-kuntratt ma rratifikawx l-istess kuntratt. Ghandu jkun assunt illi galadarba l-Companies Act 1995, li gie in vigore fl-1 ta' Jannar 1996, bidel is-sitwazzjoni ghal wahda fejn min jikkuntratta ma' kumpanija huwa intitolat illi joqghod fuq dak li ghandu quddiemu, l-oppost kien il-kaz qabel il-Companies Act, u cioe` illi min jikkuntratta ma' kumpanija ghandu, mill-inqas, jiehu hsieb li jikkawtela l-interessi tieghu.

Illi, kif gia` inghad, il-prezunzjoni taht l-Ordinanza hi illi zewg diretturi ghandhom jirrapprezentaw il-kumpanija u din il-prezunzjoni titfa' oneru fuq min qed jikkuntratta mal-kumpanija illi jikkawtela l-interessi tieghu billi jirrikjedi illi jew jiffirmaw zewg diretturi jew li jkun resoluzzjoni ta' l-organu kompetenti ad hoc, f'liema zewg elementi ta' dan l-oneru illi jikkawtela l-interessi tieghu, l-attur appellat ma hax hsieb illi jaghmel xi haga. Ghalhekk jidher car illi meta sar il-kuntratt, il-kumpanija esponenti ma gietx marbuta versu l-attur appellat u ghalhekk il-kuntratt in kwistjoni mhux validu."

10. Ma hux kontestat li dana l-istess kuntratt gie iffirmat meta kienet *in vigore* l-ordinanza ta' l-1962 dwar Socjetajiet Kummercjali. Is-sub-artikolu 2 ta' l-Artikolu 120 ta' din l-Ordinanza jghid hekk:

"Kemm il-darba ma jkunx mahsub xort' ohra fil-*Memorandum* jew fl-Istatut tal-kumpannija, kull tnejn mid-diretturi, jew, jekk ikun hemm direttur wiehed biss, dak id-direttur, ghandhom jirraprezentaw lill-Kumpannija."

11. L-Artikolu 3 ta' l-istatut tas-socjeta` konvenuta appellanti jaqra hekk:
"The board of directors' power to bind the company and to undertake obligations and incur liabilities on behalf of the company shall be unlimited. Provided he or she is authorised by the board, any director may represent the company in judicial proceedings and on any agreement or obligation with third parties."

12. Issa, fil-kaz odjern l-iskrittura in kwistjoni giet iffirmata minn Raymond Mifsud, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta appellanti. Irrizulta li dan Raymond Mifsud kien direttur ta' din is-socjeta`. L-allegazzjoni li ghamel Joseph Mifsud li dan Raymond Mifsud ma kienx awtorizzat jiffirma l-istess kuntratt kif rikjest mill-istatut tas-socjeta` appellanti ma inghatatx kredibilita` mill-ewwel Qorti ghaliex din l-allegazzjoni ma giet korraborata minn hadd. Din il-Qorti tikkondividi din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti. Infatti, din l-istess allegazzjoni lanqas biss giet korraborata mill-imsemmi Raymond Mifsud, wisq anqas mis-seba' (7) persuni l-ohra indikati fl-istatut u li isimhom jidher ukoll fid-Dokument a fol. 59 tal-process li permezz tieghu irratifikaw in-nota ta' l-eccezzjonijiet maghmula minn Joseph Mifsud f'din il-kawza.

13. Cirkostanza ohra li tinklina lil din il-Qorti li ma taccettax l-allegazzjoni ta' Joseph Mifsud temergi mill-fatt li Raymond Mifsud meta ffirma l-iskrittura tat-12 ta' Ottubru, hallas lill-attur Edwin Zammit is-somma ta' elfejn u tlett mitt Lira (Lm2300). Din il-Qorti jidhrilha li hija haga assolutament *inverosimili* li somma konsiderevoli bhal din tithallas minghajr ma jkun hemm l-awtorizzazzjoni tal-bord tad-diretturi

14. Anke fl-ipotesi li wiehed kellu jaccetta li ma kienx hemm tali awtorizzazzjoni tal-Bord, xorta wahda din il-

Qorti jidrilha li l-iskrittura tat-12 ta’ Ottubru, 1995 torbot lis-socjeta` konvenuta appellanti, ghaliex l-insenjament mehud minn *The Principles of Modern Company Law* ta’ *L.C.B. Gower* u citat fis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti xorta wahda jsib applikabbilita` taht ir-regim ta’ l-Ordinanza ta’ l-1962 dwar Socjetajiet Kummercjali. Certament, terza persuna li titratta ma’ socjeta` ghandha dover li tikkonsulta d-dokumenti pubblici ta’ l-istess socjeta` meta hija tkun se tinnegozja maghha. Issa fil-kaz odjern l-istatut tas-socjeta` appellanti kien jippremetti li direttur wiehed seta’ jirraprezenta lis-socjeta` konvenuta u jorbot l-istess socjeta` ma’ terzi, *purche*` li jkun awtorizzat li jaghmel hekk mill-Bord. Meta Raymond Mifsud ipprezenta ruhu bhala direttur li qed jirrapprezenta lis-socjeta` appellanti fuq l-iskrittura in kwistjoni, l-attur Edwin Zammit kien pjenament intitolat li jassumi li dak l-istess direttur kien debitament ottempera ruhu mar-regolamenti interni tas-socjeta` appellanti. Dana huwa aktar u aktar hekk meta Raymond Mifsud mhux biss deher u ffirma ghan-nom tas-socjeta` konvenuta appellanti izda f’dik l-okkazjoni hallas ukoll is-somma konsiderevoli msemmija ta’ elfejn u tlett mitt lira (Lm2300) lil Edwin Zammit. Hija massima bazika tal-Ligi Civili illi l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-*buona fede* u hija massima wkoll importanti tal-procedura li “*omnia praesumuntur rite ac solemniter esse acta*”. Biex din l-ahhar imsemmija prezunzjoni ma tavverrax ruhha, ikun irid jigi pruvat jew li t-terza persuna kienet ben konxja li l-istess direttur ma kellux l-awtorizzazzjoni mehtiega mir-regolamenti interni tal-kumpannija, biex jorbot lill-istess kumpannija jew inkella jkunu jirrizultaw cirkostanzi partikolari li ragonevolment kellhom inisslu suspett f’dik it-terza persuna li l-istess direttur ma kienx debitament awtorizzat li jorbot lill-kumpannija.

15. Illi konsegwentement din il-Qorti, bhal ewwel Qorti, issib illi meta Raymond Mifsud iffirma ghan-nom u in rapprezentanza tas-socejeta` appellanti l-iskrittura tat-12 ta’ Ottubru, 1995 huwa kien qieghed jorbot legalment u validament lis-socjeta` appellanti bil-kontenut ta’ l-istess skrittura. Konsegwentement l-aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti huwa infondat u ma jistax jintlaqa’.

16. Aggravju iehor tas-socjeta` appellanti huwa illi l-kontro-talba ta' l-istess socjeta` messha giet akkordata mill-ewwel Qorti fil-kontumacja ta' l-attur rikonvenut. Lanqas dana l-aggravju ma jista' jintlaqa' minn din il-Qorti ghaliex apparti l-kwistjoni importanti li l-kontro-talba tas-socjeta` appellanti qatt ma giet debitament notifikata lill-atturi, s-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda provi sodisfacenti dwar l-allegat vizzju tal-kuntratt in kwistjoni.

17. Kwantu ghall-ahhar aggravju li s-sentenza hija nieqsa minn element vitali meta fid-*decide* ma hemmx il-kundanna ghall-ammont pretiz mill-attur appellat, anke dan l-aggravju huwa nfondat ghaliex meta l-ewwel Qorti laqghet it-talba ta' l-atturi, l-istess talba giet milqugha kif dedotta fl-att tac-citazzjoni u cioe` fil-molteplicita` taghha fis-sens ta' (i) dikjarazzjoni li s-socjeta` konvenuta hija debitrici ta' l-atturi fis-somma ta' Lm4050.27,0 u (ii) kundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas dak l-ammont lill-atturi; u ghalhekk strettament ma kienx hemm il-htiega li l-ammont imsemmi fl-att tac-citazzjoni jerga' jigi ripetut fid-*decide*.

18. Illi konsegwentement l-ebda wiehed mill-aggravji mressqa mis-socjeta` appellanti ma huwa gustifikat u ghalhekk l-appell sejjer jigi michud.

19. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell, tikkonferma is-sentenza appellata ta' l-ewwel Qorti fl-intier taghha, u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------